# ĦAJJA ĠEWWA X-XELTER

"Għall-Belt! Min hu għall-Belt? Ejjew għax telqin!", kien qiegħed igħajjat it-tifel li jiġbor il-flus. Dak li jsuq l-omnibus faqqa' l-frosta u ż-żewġ żwiemel tqanqlu, imma dak il-ħin, minn wara kantuniera, inqala' baħri jiġri, ixejjer idejh u jgħajjat: "Stennieni ftuh!"

B'ġirja waħda, dak il-baħri ħafif, qabad ma' l-iskala, qabeż u sab ruħu ġewwa; in-nies resqulu u qagħad bil-qiegħda. "Għal daqsxejn ma bqajtx l-art," qal b'leħġa l-baħri u dawwar wiċċu biex jara min kellu ma' ġenbu; sab xbejba fuq ruħha, sbejħa, għajnejha kbar, ħajjin, fommha ċkejken ħelu, wiċċha jgħaxxaq u bixra ta' għaqal u rażan. Dik it-tfajla ħmaret u ħasset tferfira ta' qalb fil-waqt li qalbet għajnejha lejn il-baħri u weġbitu minn taħt ilsien: "Li ma lħaqtx irkibt kien ikollok tistenna siegħa oħra sakemm jitlaq l-omnibus l-ieħor."

"Ma kont nistenna xejn! Kont nibqa' hawn sakemm titlaq l-ewwel karozza tal-linja wara nofs in-nhar."

"Fiex ġiebna n-nuqqas tal-petrol! Il-karozzi tal-kiri jaħdmu sagħtejn fil-għodu u sagħtejn wara nofs in-nhar biss."

"Kellna nerġgħu naraw l-omnibusijiet fit-toroq tagħna biex iġorru n-nies meta l-karozzi ma jaħdmux".

Imma dak il-ħin għajnejn il-baħri ltaqgħu ma' għajnejn it-tfajla, ħarsu lejn xulxin u ma' dik il-ħarsa ż-żewġ żgħażagħ ħassew għaxqa ta' qalb u ħlewwa li ħadd ma jista' jfissirha, tferfira ta' hena ġriet ma' ġisimhom, tqanqila ta' ferħ daħlet f'ruħhom u minnufih qlubhom xegħlu għal xulxin bin-nar ta' mħabba safja li ma tmut qatt.

Xi tkun dik il-ġibda li xi minn daqqiet żewġt iqlub iħossu għal xulxin ma' l-ewwel daqqa ta' għajn? Ġibda li donnha mqanqla minn nifs ta' ġmiel is-sema; hi tressaq żewġt iqlub lejn xulxin, issaħħarhom u tgħaqqadhom b'rabta li ma tinħall qatt.

Il-baħri u x-xbejba baqgħu jitkellmu bi ħrara kbira u b'għaxqa ta' qlubhom u sakemm waslu l-Belt hi saret taf li dak it-tifel tal-baħar jismu Toni, kien wasal Malta xi erbat ijiem qabel fuq vapur tal-konvoj; huwa għaraf li dik it-tfajla kien jisimha Mena u kienet tgħix ma' ommha u missierha fix-

xelter tal-Mina tal-vapur ta' l-art għax id-dar tagħha kienet iġġarrfet bil-balal tal-għadu.

L-omnibus niżżel in-nies f'Misraħ Kastilja, iżda Toni baqa' sejjer ma' Mena u ma telaqhiex qabel wassalha sa ħdejn it-Tijatru u raha dieħla fil-kenn tal-mina u baqa' jitnikker sakemm wegħditu li jerġgħu jiltaqgħu.

Mena niżlet ħafifa u fuq ruħha mill-mina; kienet miexja qisha f'dinja ta' hena u ta' sliem, insiet in-niket tal-gwerra, insiet id-dwejjaq u t-tbatija tan-nies miġbura għall-kenn ta' dak il-blat, anqas biss xammet ir-riħa ta' għeluq u ndewwa li dari kienet tidħol f'sidirha malli taqbad id-daħla, u anqas imxiet bil-qajla għax tibża' li tiżloq fit-tidlik taż-żurżieqa kif kienet tagħmal dari. In-naħa t'isfel tal-Mina kien hemm dalma kbira, iżda t-tfajla ma ħabbletx rasha fuq hekk; dak il-ħin hi kellha ħbub għajnejha jiddu bid-dawl ta' nar l-imħabba li kellha jħeġġeġ f'qalbha.

Malli ħalliet in-niżla, Mena għaddiet minn fuq ħnejja li taqsam il-foss u twassal għal ġewwa l-blat taħt il-Furjana; fuq dik il-ħnejja kien hemm ruxxmata tfal imċerċrin, ħafjin u mqarbin, jiġru, jinbxu u jitbahardu u jgħajtu kemm jifilħu; xi erba' nisa kienu fuq il-maħsel jogħorku u jlaħalħu l-ħwejjeġ; xi żewġ ommijiet kienu ħarġu għall-beraħ it-trabi tagħhom biex ixemmxuhom u jagħtuhom ftit arja safja; nisa oħra kienu mixħutin bil-qiegħda fuq banketti jew kaxxi tal-għuda jpaċpċu bejniethom u jixtiequ kull saħta fuq l-għadu, fil-waqt li ħafna nies oħra kienu mdawrin ma' xi żewġ gabbani magħmulin flok ħwienet fejn jinbiegħu ħwejjeġ ta' l-ikel.

Ix-xbejba baqgħet għaddejja bla ma tat widen ta' xejn, donnha mitlufa f'sakra ta' hena u ta' faraġ, u daħlet fil-mina tal-vapur ta' l-art; hemm ġew sabet ħafna nisa medhijin min jaħsel it-tarbija, min jifrex is-sodod jew il-kruċetti għal bil-lejl u min ihejji belgħa kafè jew tè għar-raġel meta jarġa' lura mix-xogħol. Mena ħteġilha timxi bil-qajla għax fuq iż-żewġ naħiet kien hemm sodod u kruċetti, waħda fuq oħra, hekk li bilkemm kien baqa' mnejn bniedem jgħaddi min-nofs. Fuq is-sodod jew fuq il-kruċetti kultant kienu jidhru xi żewġt itfal jaqbżu u jilagħbu, jew xi xiħa għakka jew xi raġel ma jiflaħx mimdud biex jistrieħ.

Mena sabet lil ommha medhija tħejji għal meta jasal ir-raġel mix-xogħol; il-bint meddet idejha hi wkoll u meta wasal missierha daret bih u laqgħetu b'ferħ akbar minn tas-soltu u

dik il-lejla, x'ħin inġabru, madwar is-sodda li fuqha firxu l-ikla ta' fil-għaxija, it-tifla bil-hena tagħha farrġet qlub ommha u missierha u t-tlieta flimkien kielu bl-aptit qishom kienu fuq mejda ta' għarusa.

Fil-għaxija l-ħajja fix-xelter kienet aktar turi l-qagħda mwiegħra ta' dawk li kienu jgħixu hemm: il-mina kienet timtela bħal bajda b'rassa kbira ta' nies li bilkemm jistgħu jitħarrku; kienet tqum geġwiġija li ttarrax, kulħadd jitkellem igħajjat, kulħadd iħambaq fuq l-aħħar aħbarijiet, dak isemmi kemm waqgħu ajruplani ta' l-għadu u l-ieħor igħid kemm indarbu nies; min jitlewwem, min jitgħajjar, tfal jibku u missirijiethom isikktuhom, trabi jnewħu u ommijiethom igħannulhom biex jorqdu. Imbagħad, wara li jaqa' xi ftit tas-skiet, kien jibda r-Rużarju u dawk il-ħlejjaq ta' nies fid-dwejjaq tagħhom kienu jduru lejn il-Madonna u jitolbuha tidħol għalihom.

Dak il-lejl Mena ma għalqetx għajn ma' għajn: mhux għax l-inħir ma ħallihiex torqod, anqas għax il-biki tat-tfal qajjimha, iżda għax il-ħin kollu tiftakar f'Toni l-baħri u kull meta ġġib quddiem għajnejha x-xbieha tiegħu jew tiftakar f'xi ħaġa li kien qalilha, qalbha kienet tferfer bil-hena. Għaddiet il-lejl kollu titqalleb minn naħa għal oħra jew tgħodd l-imsiebaħ imiċċu quddiem ix-bihat imqaddsa mdendiin mal-ħajt u mażżerniq dik ix-xbejba mixgħula bin-nar tal-imħabba,kienet għadha ma striehet xejn; meta r-rġiel bdew joħorġu għax-xogħol, hi kienet fuq saqajha tkeċner biex thejji kikkra kafè lil missierha qabel jitlaq għall-ħidma ta' kuljum. Imbagħad, wara li telgħet ix-xemx, Mena naddfet tindifa n-naħa tax-xelter fejn kienet toqgħod hi u ommha u missierha u, wara dan, b'inkejja tas-sirena li kienet wissiet ħbit mill-ajru, hi ħarġet biex tperreċ għax-xemx is-saqqijiet, il-lożor, u l-kutri u tagħtihom tfarfira kif imiss. Barra, ħdejn dħul ix xelter, kien hemm ħafna nisa u tfal miġburin biex malli l-ajruplanj tal-għadu jgħaddu, imorru s-suq jixtru r-razzjon jew iwasslu t-tfal l-iskola. Ħafna minn dawk in-nisa taw il-jum it-tajjeb lil Mena, għax għalkemm bosta minnhom hi qatt ma kienet tafhom, dik il-ħajja ta' flimkien ġewwa x-xelter, kienet għaqqdet lil kulħadd f'xirka ta' ħbiberija. It-tfajla tnikkret titkellem ma' xi żewġ nisa, għax moħħha kien għadu jhewden fuq il-maħbub tagħha u kellha seba' mitt sena biex tisma' s-sirena ddoqq fit-tul ħalli toħroġ u tara tarġax tiltaqa' ma' Toni.

Mita ħarġet mix-xelter, Mena baqgħet tielgħa lejn il-Barakka ta' fuq, iżda malli xeħtet għajnejha fuq il-port ma rat l-ebda

vapur minn dawk tal-konvoj; qalbha għamlet tikk u ħasset diqa kbira, resqet lejn żewġt irġiel li kienu jitkellmu u staqsiethom x'kien sar minnhom il-vapuri tal-konvoj; qalulha l-lejl li għadda kienu ħarġu bil-moħbi u siefru biex ma jagħtux fil-għajn. It-tfajla telgħetilha għoqla fi griżmejha, tbikkmet u qabditha għafsa ta' qalb, imbagħad tħarrket u telqet qisha fis-sakra, iżda hija u rieġgħa lura mis-suq, reġgħet telgħet il-Barakka bit-tama li tiltaqa' ma' Toni l-baħri u baqgħet ta' kuljum tasal sal-Barakka u tieqaf tħares lejn il-port, dejjem taħseb fil-maħbub tagħha, dejjem tixxennaq għalih, iżda qatt ma ħadet aħbaru jew semgħet min isemmih.

Ix-xbejba waqgħet fi swied-il-qalb liema bħalu u ntefgħet bi ħrara kbira għall-ħajja tax-xelter biex idderri u tinsa l-hemm tagħha; hi kienet tbakkar minn filgħodu tnaddaf u tagħti daqqa ta' id lin-nisa l-oħra biex inaddfu n-naħa tagħhom jew iddurilhom bit-trabi tagħhom, tagħtihom il-banju u minn xi daqqiet ukoll tieħu ħsieb dawk iż-żgħar sakemm ommijiethom joħorġu għall-qadjiet tagħhom;drabi kienet tedha tħit ilbiesi għat-tfal jew meta ssib is-suf taħdmilhom il-kalzetti, in-naħa tagħha fix-xelter kienet dejjem ħielsa minn kull ħmieġ, tagħkir u mbarazz u meta t-tabib jew l-ispettur tas-sanità jgħaddu minn hemm kienu jfaħħruha għall-indafa tagħha. Bl-imġiba u bit-tħabrik tagħha Mena kienet tagħmel il-qalb lil nisa oħra biex jissabbru finniket tagħhom u tħajjarhom jieħdu kollox bit-tajjeb ħalli ma jfixklux lil żwieġhom fil-ħidma tagħhom għar-rebħa tal-gwerra; wara nofs in-nhar, hija u xi erba' xbejbiet oħra kienu jiġbru t-tfal u jgħallmuhom id-duttrina; kienu waqqfu artal f'nofs il-mina waħħlu fuqu xbieha tal-Madonna u kuljum kienu jixilgħulha u jżejnuha bil-ward u kull nhar ta' Erbgħa kienu jqassdu r-Rużarju u jkantaw Litanija quddiem dak l-artal.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar dawk in-nies ta' ġewwa x-xelter jingħaqdu flimkien; huma kienu nies li l-gwerra l-aktar laqtithom bl-aħrax; ħafna minnhom kienu tilfu djarhom, ħwejjiġhom u kull ma kellhom; kien hemm min tilef 'il niesu jew 'il qrabatu, oħrajn ftaqru u fejn dari kienu jsibu kull ma jixtiequ, issa kienu jgħixu ħażin ħażin, fid-dlam ta' ġewwa l-blat fl-irwejjaħ u fin-nuqqasijiet oħra; biss it-tama tar-rebħa kienet iżżommhom marbutin mal-ħajja u għalkemm kienu ta' sikwit jiġġieldu bejniethom u jitilgħulhom għal xulxin malajr, iżda dlonk kienu jagħdru wieħed lill-ieħor u jgħinu lil xulxin mill-aħjar li jistgħu.

Madankollu, l-għadu kien dejjem iżjed jiħrax fil-qilla tiegħu, iżda l-Maltin webbsu rashom u aktar issaħħu fil-fehma

tagħhom li ma jħallux il hemm u n-niket jirkbuhom. It-twegħir u t-tiġrib dejjem joktru u jiżdiedu: ta' kuljum bin-nhar u bil-lejl, il-għadu kien jaħbat għal Malta bi ħruxija tal-biża', niżlet xita ta' balal mill-kbar nett li mat-tfaqqigħ tagħhom il-mina tal-vapur kienet titheżheż u n-nies miġburin għall-kenn hemm ġew kienu jixxejru u jistabtu minn naħa għal oħra qishom ħarġa żara' milquta minn fewġa ta' riħ qawwi; u wara kull attakk in-nies ta' ġewwa l-mina kienu jiżdiedu għax ta' kull darba kienu jiġġarrfu d-djar mill-Belt jew mill-Furjana u dawk li jisfaw bla saqaf arahom imorru jdabbru rashom għall-kenn tal-blat.

Darba, wara attakk mill-aktar ħorox, in-nies wasslu fil-mina mara xiħa kollha għabra, maqtugħa, imwerwra, imbikkija; kienu għadhom kemm qalgħuha minn taħt ir-radam; l-imsejkna kienet tilfet id-dwejra fejn kienet tgħammar u kull ma kellha fiha, iżda għall-ħniena t'Alla, hi ħelsitha ħafif u barra l-qatgħa li ħadet anqas barxa ma kellha. Ħafna nisa minn ta' ġewwa x-xelter daru ma' dik ix-xiħa jsabbruha u jagħmlulha l-ħila mill-aħjar li jistgħu; Mena ndaħlet magħhom u billi dik ix-xiħa fil-hemm tagħha ġibitilha ħasra, ħaditha tistrieħ fuq is-sodda ta' ommha, sqietha daqsxejn kafè u daret biha bil-ħrara kollha, imbagħad billi x-xiħa ma kellhiex fejn tmur, omm Mena ħajritha biex dak il-lejl tibqa' tistrieħ fuq is-sodda fejn kienet u l-għada jaraw x'jagħmlu.

L-għada, għalkemm ix-xiħa stejqret u ħasset ruħha aħjar Mena u ommha ma kellhomx qalb jibagħtuha għal riħha; huma kienu jafu li dik il-mara ma kellha l-ħadd min jieħu ħsiebha u setgħu jaħsbu li jekk ma jdurux biha huma, kienet taħbat ħażin u tbati ħafna, għalhekk ftiehmu li jarmawlha kif jistgħu zewġ twavel u saqqu ħdejn is-sodda tagħhom u jdeffsuha ma' ġenbhom biex jagħtuha daqqa ta' id f'kull ma tkun teħtieġ, u malli omm Mena tarrfet kelma fuq hekk lil żewġha meta fil-għaxija wasal mix-xogħol, dak minnufih qabad isammar u jwaħħal mal-ħajt l-irfied tat-twavel biex iħejji fejn toqgħod dik ix-xiħa ta' xortiha ħażina.

Dik ix-xwejħa kienet b'riżqha li nġabret ħdejn Mena, għax dik ix-xbejba ħasset bħal ġibda lejn dik il-mara li kienet tiġi qisha ommha u ma ħallietha nieqsa minn xejn; kienet toħdilha ħsieb ta' kollox; tnaddfilha fejn kienet toqgħod, tlaħ-alħilha l-friex, taħslilha ħwejjiġha u saħansitra ssajrilha x'tiekol. Dik it-tfajla fuq ruħha u bieżla kont taraha sejra minn fil-għodu

sa fil-għaxija; daqqa mxammra taħsel il-ħwejjeġ ħdejn dħul ix-xelter u tonxorhom fuq rumnell marbut mas-siġar u daqqa trewwaħ il-kenur biex issajjar x'jieklu; wara nofs in-nhar kienet iddum qatigħ bil-qiegħda fuq is-sodda ma' ġenb ix-xiħa traqqa' l-ħwejjeġ tal-ilbies u titnihom indaf; kienet ukoll tilħaq mat-tfal, twissihom biex ma jagħmlux storbju jew issikket xi żewġ nisa meta tarahom se jaqbdu jitlewmu jew jagħdbu għal xulxin; u qrib il-Milied kienet tindaħal biex iżżejjen il-Mina bit-trieħi u bil-fanali tal-karti ta' bosta lwien biex f'dak il-Għid tal-Paċi jifirħu l-qlub ta' rieda tajba.

Madankollu kienu għaddew ix-xhur minn meta Mena ltaqgħet ma' Toni l-baħri, u għalkemm ix-xbieha tiegħu baqgħet dejjem quddiem għajnejha u qalbha baqgħet tħabbat għalih, issa hi kienet bdiet titlef it-tama li għad tarġa' tiltaqa' miegħu, għalhekk kienet tara kif tissabbar mill-aħjar li tista' filwaqt li trażżan il-qawwa ta' mħabbitha.

* * *

Lejla waħda wara r-Rużarju, meta dawk ta' ġewwa l-mina kienu mteddu biex jorqdu kif jistgħu u kien waqa' s-skiet mik-sur biss mit-tgergir ta' xi erbgħa min-nies li ma kellhomx ngħas, fil-waqt li Mena kienet fuq il-kruċetta taħseb fuq il-baħri ta' qalbha, f'daqqa waħda nstemgħet bħal geġwiġija dieħla fix-xelter. It-tfajla qamet fuq minkbejha biex tara x'ġara u tilmaħ resqin lejn in-naħa tagħha xi erba' rġiel jitkellmu u jħambqu bejniethom mexjin wara dak li jieħu ħsieb ix-xelter li kien qiegħed jurihom it-triq mnejn igħaddu; meta wasal ħdejn is-sodda tax-xiħa, dak li jieħu ħsieb ix-xelter waqaf u, fil-waqt li dar lejn dawk li kellu mexjin warajh u wriehom b'sebgħu qal: "Din hi!"

Dak il-waqt minn bejn it-tajfa rġiel inqala' baħri u resaq bi ħrara kbira jgħannaq lix-xwejħa.

"Ommi l-għażiża! Sibtek fl-aħħar. X'qatgħa ħadt meta mort id-dar u sibtha mġarrfa!"

"Ibni qalbi! meta rġajt ġejt? Ikun imbierek Alla li raġa' wasslek bis-sliema u tani l-grazzja narġa' narak b'għajnejja"; u kif qalet hekk ix-xiħa bdiet tibki u tifraħ f'ħin wieħed u meta għadditilha d-dehxa tenniet tistaqsi:

"Meta wasalt f'Malta?"

"Il-lejla mad-dlam dħalna konvoy u malli rħist l-art bqajt sejjer infittxek; ma ngħidlekx xi ħsibijiet koroh għaddew minn moħħi malli rajt id-dar imwaqqgħa, iżda mbagħad xi ħadd qalli, li inti ma ġralek xejn u ġabruk f'din il-mina, għalhekk minnufih ġejt infittxek hawn".

"Il-Bambin ħabbni, ibni! u dawn in-nies qabżu għalija u għamlu miegħi kull ma setgħu, fuq kollox dik ix-xebba daret bija qisha binti", qalet ix-xiħa filwaqt li b'sebagħha wriet 'il Mena li kienet għadha mimduda fuq il-kruċetta tagħha u miblugħa bil-għaġeb għal dak li kienet tara.

Il-baħri rafa' għajnejh lejn Mena u malli raha nħasad, qalbu riedet ittir bil-ferħ u ħass hena kbir ifarraġlu ruħu. Mena għarfet 'il Toni tagħha u qabditha bħal ħlewwa ta' qalb, fawra demm telgħet għal wiċċha, tfixklet u stħat billi kienet fil-friex.

Toni u Mena ma qalux kelma, imma għajnejhom iltaqgħu flimkien u baqgħu għal ftit tal-ħin ma nqalgħux minn xulxin, imma f'dak il-kin qasir qlubhom xegħlu b'nar qawwi ta' mħabba, nar li qanqal ħrara ta' ġibda li ma tintemm qatt, ġibda li mbagħad isseddqet fost il-hena taż-żewġ żgħażagħ u bil-barka u s-sliem ta' nieshom u ta' ħbiebhom.

Toni fisser lil Mena għaliex l-aħħar darba kien telaq bla ma raha billi ħtieġlu jsiefer bil-għaġla u bil-moħbi, iżda din id-darba huwa patta għan-nuqqas ta' qabel u kemm dam Malta seħħlu jtemm l-egħżeż xewqa ta' qalbu billi jtejjeġ ma' Mena l-ħanina tiegħu u dak in-nhar tar-rabta, b'inkejja ta' air raids qawwijin wieħed wara l-ieħor, daħal bħal xaqq ta' dawl il-hena u ġriet bħal fewġa ta' sliem u ferħ fil-mina u n-nies miġburin hemm insew it-tbatija ta' dik il-ħajja ġewwa x-xelter.

ĠUŻE GALEA